MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Numru. 44/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**ANDREW SCICLUNA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Andrew Scicluna iben Henry u Mary xebba Ordway imwieled fil-25 ta’ Frar, 1983 Pieta’, residenti 26, Triq Kent, Fgura u detentur tal-karta tal-identita b’numru 185883M.

Gie akkuzat talli, fit-8 t’April, 2010 u jew fil-perjodu ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer minghajr awtorizzazzjoni ghamel output ta’ xi data, software jew dokumetazzjoni ta’ appogg mill-kompjuter li kienu qed

jinzammu fih sew jekk dawn ittellghu bi xbieha jew b’kull mod iehor.

U aktar talli uza kodici ta’ dhul, password, isem l-utent indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta’ dhul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra fil-kompjuter

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Gererali esebit bhala Dok FS 6 u nnutat li l-imputat Andrew Scicluna m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.
Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bi shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-art. 337C(1)(b) u (i) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Andrew Scicluna, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-imputat, tillibera lill-istess imputat Andrew Scicluna taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Andrew Scicluna l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------